# FIL-QORTI ĊIVILI

# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn 11 ta' Lulju, 2022**

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 66/2020 ISB**

**Emanuel Micallef (K.I. 36763M)**

Vs

**Av. Dr Mark A. Mifsud Cutajar LL.D u l-Prokuratur Legali Quentin Tanti li b'digriet tat-23 ta' Frar 2021 ġew nominati bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw is-soċjetà Jaguar Construction Ltd (C 88313) u b'digriet ta' l-4 t'Ottubru, 2021 Attard Bros Construction Material Ltd. (C 29511) ġie awtorizzata tintervjeni fil-kawża in statu et terminis.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** ta' **Emanuel Micallef,** intavolat fil-21 ta' Ottubru 2020, li permezz tiegħu huwa talab lill-Qorti sabiex:

*"...<u>tordna</u> x-xoljiment u konsegwenti stralċ bil-qorti tas-soċjetà intimata Jaguar Construction Limited (C 88313) u dana a bażi tal-Artikoli 214(2)(b)(iii) u/jew 214(2)(a)(ii) tal-Att u dana taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni li timponi."*

U dan wara li ppermetta:

1. *Illi dan huwa rikors għall-istralċ u konsegwenti xoljiment tas-soċjetà intimata a bażi tal-Artkoli 214(2)(b)(iii) U 214(2)(a)(ii) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta) (L-"**Att**"), li qed jiġi ppreżentat mill-uniku azzjonist tal-istess soċjetà intimata ai termini tal-proviso għall-Artikolu 218(1) tal-Att;*

2. *Illi s-soċjetà intimata hija nieqsa minn bord ta' diretturi u kif ukoll ta' rappreżentant legali u ġudizzjarju u għalhekk kien hemm il-ħtieġa li jinħatru Kuraturi Deputati sabiex jirappreżentaw l-istess soċjetà intimata f'dawn il-proċeduri;*

3. *Illi fl-ewwel lok skont ir-rikorrenti, jeżistu raġunijiet gravi u serji li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentament stralċ tas-soċjetà intimata, liema raġunijiet joħorġu ċar mir-riżoluzzjoni straordinarja tal-laqgħa ġenerali tas-soċjetà intimata li ttieħdet fis-16 t'Ottubru 2020 (Li kopja tagħha hija annessa hawn taħt u mmarkata bħala* ***Dokument JCL 1****).*

4. *Illi din ir-riżoluzzjoni ttieħdet fil-kuntest ta' ftehim magħmul bejn ir-rikorrenti li huwa l-uniku azzjonist tas-soċjetà esponenti ma' ċertu Sur Jonathan Sant f'Ottubru 2019 fejn il-partijiet qablu li r-rikorrent kien ħa jirriżenja mill-pożizzjoni tiegħu bħala direttur u rappreżentat ġudizzjarji u legali tas-soċjetà intimata, u li l-ishma kollha fis-soċjetà esponenti kienu ħa jiġu ttrasferiti lis-Sur Sant. Minkejja l-fatt li r-rikorrent eżegwixxa l-obbligi kollha tiegħu skont dan il-ftehim, sal-lum il-ġurnata s-Sur Sant qed jirrifjuta illi jidher għat-trasferiment tal-ismha filwaqt illi jidher li qiegħed xorta waħda jinnegozja f'isem il-kumpannija, u dan mingħajr l-ebda awtorizzazzjoni u għalhekk dan qed isir b'ingann u b'mala fede min-naħa tiegħu. Għalhekk, is-soċjetà intimata <u>għandha</u> tiġi xolta minn din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Att;*

5. *Illi fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, sa fejn jaf ir-rikorrenti, s-soċjetà intimata mhijiex f'pożizzjoni li tħallas id-djun tagħha u dana kif ser jiġi ampjament muri lill-Onorabbli Qorti fil-mori tal-kawża, u għalhekk ikun xieraq li din l-Onorabbli Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha ai termini tal-Artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Att sabiex din is-soċjetà intimata tiġi xolta u stralċjata.*

Rat id-**dokument** li kien ppreżentat mar-rikors (Dok JCC1) (fol 3 sa fol 4).

Rat ir-rikors ta' **Attard Bros Construction Materials Limited (C 29511)** tal-11 ta' Jannar 2020 u li permezz tiegħu talbu lil din il-Qorti sabiex hija tintervjeni fil-kawza in statu et terminis.

Rat id-**digriet** taghha (kif diversament preseduta) fl-1 ta' Marzu 2021 fejn ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-25 ta' Mejju 2021 f'12:00am.

Rat ir-**risposta** tal-**Kuraturi Deputati L-Avukat Dr. Mark A. Cutajar et.** pprezentata fit-23 ta' Ġunju 2021 (fol 52) li permezz tagħha huma esponew:

> *"Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u għalhekk qed jirriservaw id-dritt li jippreżentaw risposta motivata f'każ u jekk jiġu edotti mill-fatti."*

Rat ir-**rikors** tar-rikorrenti Emanuel Micallef tal-4 t'Awwissu 2021 (fol 56) li permezz tiegħu r-rikorrenti qed jitlob illi fir-rikors promotur tiegħu issir emenda għar-raġunijiet hemmek indikati fis-sens illi t-talba tinqara hekk:

> *"...tordna x-xoljiment u konsegwenti stralċ bil-qorti tas-soċjetà intimata. Jaguar Construction Limited (C 88313) u dana a bażi tal-Artikoli 214(2)(b)(ii) u/jew 214(2)(b)(iii) u/jew 214(2)(a)(ii) tal-Att u dana taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni li timponi."*

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru 2021, fir-rigward tar-rikors intavolat mis-soċjeta Attard Bros Construction Materials Limited fil-11 ta' Jannar 2020, il-Qorti qieset r-rekwiżiti tal-Art. 960 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u laqgħet it-talba u awtorizzat lis-soċjeta Attard Bros Construction Materials Limited sabiex tintervjeni fil-kawża in *statu et terminis*.

Rat illi permezz ta' **Digriet Kamerali** (fol 61) għar-rikors tar-rikorrenti Emanuel Micallef tal-4 t'Awwissu 2021, il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti u awtorizzat is-sostituzzjoni tat-talba kif hemmek mitlub.

Rat illi fl-udjenza tal-25 ta' Novembru 2021, xehdu Claudia Diacono li ppreżentat Dokument CD1 (fol 94 sa fol 114), Emanuel Micallef u Denis Gravina u illi s-soċjeta intevenuta fil-kawża ippreżentat nota b'xi dokumenti (Dok ABCML) (fol 67 sa fol 90).

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Marzu 2022, id-difensur tar-rikorrenti ppreżenta nota b'dokument (fol 120A sa fol 120D) u ddikjara li m'għandux iżjed provi x'jipproduċi.

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Mejju 2022, il-Qorti qieset in-nuqqas t'attendenza tal-kuraturi deputati bħala li jfisser li s-soċjeta intimata m'għandhiex provi xi tressaq u għalhekk iddikkjarat il-provi tal-istess soċjeta intimata bħala magħluqha u rat illi d-difensuri tal-partijiet preżenti qablu li l-kawża titħalla għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inkluz mill-provi mressqa.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirrizulta illi dan huwa proċediment li ttieħed mir-rikorrenti ai termini tal-Artikoli **214(2)(b)(ii) u/jew 214(2)(b)(iii) u/jew 214(2)(a)(ii) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi r-rikorrenti jikkontendi illi huwa l-unika azzjonist tas-soċjeta` Jaguar Construction Ltd (C 88313) u li jeżistu raġunijiet gravi u serji li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentament stralċ tal-istess soċjeta, liema raġunijiet jemerġu b'mod ċar mir-riżoluzzjoni straordinarja tal-laqgħa ġenerali tas-soċjeta intimata li ttieħdet fis-16 ta' Ottubru 2020.

Illi din ir-riżoluzzjoni ttieħdet f'kuntest ta' ftehim fejn ir-rikorrenti kellu jirriżenja mill-pożizzjoni tiegħu ta' direttur u rappreżentant legali u ġudizzjarju tal-istess soċjeta` sabiex l-ishma kollha jiġu ttrasferiti lil Jonathan Sant li sa llum qiegħed jirrifjuta li jidher għat-trasferiment tal-ishma filwaqt illi qiegħed jinnegozja f'isem il-kumpanija mingħajr ebda awtorizzazzjoni u għalhekk dan qed isir b'ingann u b'*mala fede*.

Illi, oltre` minn hekk, ir-rikorrenti jikkontendi li s-soċjeta intimata mhix f'posizzjoni li tħallas id-djun tagħha.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **<u>fatti</u>**:

Illi r-rikorrenti **Emanuel Micallef** ippreżenta kopja tar-Risoluzzjoni Straordinarja tas-soċjeta` intimata fejn ġie deċiż li jinbdew il-proċeduri odjerni wara li s-Sur Jonathan Sant li kien daħal fi ftehim mar-rikorrent biex jixtri l-ishma u jieħu l-posizzjoni ta' direttur tas-soċjeta` intimata ma għamilx dan minkejja li kien anke interpellat ġudizzjarment u oltre` minn hekk kien qiegħed jinnegozja f'isem il-kumpannija mingħajr ma kellu awtorizzazzjoni biex jagħmel dan.

Ippreżenta wkoll kopja tal-ftehim datat 6 ta' Diċembru 2019 bejn ir-rikorrenti Emanuel Micallef u Jonathan Sant li permezz tiegħu xoljew kull sħab li kellhom bejniethom fin-negozju u qablu li jersqu għal ftehim bonarju li permezz tiegħu Emanuel Micallef kellu jirriżenja mill-kariga ta' Direttur u kull kariga oħra li kellu f'Jaguar Contruction Limited u jittrasferixxi l-ismha tiegħu lil Jonathan Sant li kellu minn naħa tiegħu jassumi l-karigi relatati.

Dan kollu kien kkonfermat mir-rikorrent bil-gurament tieghu.

Illi s-soċjeta intervenuta **Attard Bros Construction Materials Limited** ippreżentat rendikont dettaljat ta' dak li kien dovut lilha mis-soċjeta intimata in vista ta' materjal li kien ġie mibjugħ bejn l-1 ta' Marzu 2019 u l-20 ta' Settembru 2019 lill-istess soċjeta intimata. Jirrizulta ukoll illi l-pretensjonijiet tas-socjeta' intervenuta fil-kawza huma s-suggett ta' proceduri giudizzjarji ohra pendenti. Fix-xhieda tiegħu **Dennis Gravina,** Credit Control Executive, jikkonferma li d-dokument a fol 8 u 9 tal-proċess jikkonsisti fi *statement transaction history* li jkun fih storja ta' transazzjonijiet minn ċertu perjodu lil hawn. Jgħid li l-bilanċ dovut huwa dak ta' erbat' elef, sitt mija u sebgħa u erbgħin Ewro (€4,647) li jeskludi xi interessi u xi spejjeż oħra legali.

Fix-xhieda tagħha **Claudia Diacono** bħala rappreżentanta tal-Malta Business Registry ppreżentat kopja tal-file intier tas-soċjeta` Jaguar Construction Limited (C-88313), liema file jinkludi il-Memorandum & Articles of Association tal-kumpannija (fol 105 et seq) li jistipulaw li l-kumpannija għandu ikollha mill-anqas direttur wieħed. Tgħid li l-kumpanija bħalissa qiegħda mitluqa għaliex hemm biss shareholder – is-Sur Emanuel Micallef. <u>Tikkonferma li ma hemmx diretturi</u>. Tgħid li l-aħħar li ġiet ippreżentata lir-reġistru kienet in-*notice of winding up application*. Tgħid li hemm żewġ Form Ks waħda tal-10 ta' Lulju 2020 (a fol 101) fejn Emanuel Micallef irriżenja mill-

post ta' Direttur tas-soċjeta` intimata u l-oħra tat-22 ta' Ġunju 2020 (a fol 102) fejn Emanuel Micallef irriżenja mill-kariga ta' company secretary tas-soċjeta` intimata. Tikkonferma li minn dak iż-żmien ma kienx hemm diretturi.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-azzjoni tar-rikorrenti hija bbażata fuq l**-Art. 214(2)(a)(ii) u/jew l-Art. 214(2)(a)(iii) u/jew 214(2)(b)(ii) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

L-artiklu **214(2)(a)(ii)**, jipprovdi hekk:

*kumpannija għandha tkun xolta bil-qorti fil-każijiet li ġejjin –*

*il-kumpannija ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha;*

Kif jirriżulta anke mis-sottomissjonijiet tar-rikorrenti, l-azzjoni odjerna hija bbażata fuq il-fuq msemmi artikolu fl-isfond tal-Artikolu **214(5)(b) tal-KAP 386** li ighid:

*Għall-finijiet tas-subartikolu (2)(a)(ii), kumpannija titqies li ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha ....................... (b) jekk ikun ippruvat għas-sodisfazzjon tal-qorti li l-kumpannija ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha, meta din tqis ukoll il-passiv kontinġenti u prospettiv tal-kumpannija.*

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel tagħha r-referenza tar-rikorrenti mill-ktieb **Company Law** (Lexis Nexis – Butterworths 2003), fejn jingħad hekk:

*"winding up or liquidation... is the process by which the assets of the company are collected ir and realised, its liabilities discharged and the net surplus, if there is onw, distributred to the persons entitled to it. Only when this has been done is the company's existence finally terminated by a process known as dissolution... Insolvent winding up occurs essentially which companies are unable to pay their debts in full. When a company cannot pay its debts in full, difficult problems arise as to how the assets that are available should be distributed. In theory, as we shall see, the law tries to maintain an equality between creditors so that assets are pooled and distributed pari passu ie rateably according to the size of each creditors' claim"*

Il-Qorti tqis illi r-rikorrenti ma ressaq ebda prova li b'xi mod tindika li s-soċjeta intimata Jaguar Construction Limited mhix f'posizzjoni li tħallas id-djun tagħha. Il-Qorti tinnota li fil-fatt ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod tindika l-qagħda finanzjarja tas-soċjeta` intimata u għalhekk il-Qorti mhix f'posizzjoni li tkun tista` teżamina hux minnu li s-soċjeta` Jaguar Construction Limited tinsab f'posizzjoni fejn ma tistax tħallas id-djun tagħha fil-kuntest ta' dak li trid il-ligi.

**Għalhekk la darba <u>ma jirriżultawx ippruvati</u> r-rekwiżiti tal-Art 214(2)(a)(ii) u tal-Art 214(5)(b), il-Qorti mhux f'posizzjoni li tuża u teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tordna x-xoljiment u l-istralċ tal-kumpannija intimata Jaguar Construction Limited a bazi ta' dan.**

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**L-Art. 214(2)(b)(ii) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-proċedura odjerna hija bbażata wkoll fuq l-**artiklu 214(2)(b)(ii) tal-KAP 386** li jipprovdi hekk:

> *kumpanija għandha tkun xolta bil-qorti fil-każijiet li ġejjin –*
>
> *in-numru ta' diretturi jkun niżel għal inqas mill-minimu preskritt bl-artikolu 137 u jibqa' hekk nieqes għal aktar minn sitt xhur;*

Jirriżulta illi dak kollu premess mir-rikorrenti mhux biss ġie kkonfermat mill-Malta Business Registry iżda huma provi li ma humiex bl-iċken mod kontradetti.

Mill-provi prodotti jirrizulta ampjament ppruvat għall-Qorti illi l-kumpannija in kwistjoni, Jaguar Construction Limited (C-88313) ilha minghajr direttur, wisq anqas il-minimu preskritt bil-ligi, għal diversi snin, ferm aktar mis-sitt xhur preskritti bil-liġi. Illi dawn il-fatti mhux biss huma kkonfermati mid-dokumenti esebiti mill-Malta Business Registry iżda huma ukoll provi mhux kontradetti mill-kumpannija intimata.

**Il-provi inkontestati ma jħallu ebda dubbju f'moħħ il-Qorti illi ġew sodisfatti il-kriterji rikjesti mill-Artikolu 214(2)(b)(ii) biex il-Qorti tkun tista' tordna illi l-kumpannija Jaguar Construction Limited tiġi xjolta u stralċjata.**

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-proċedura odjerna hija bbażata wkoll fuq **l-artiklu 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386** tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula illi kumpannija għandha tkun xjolta bil-qorti fil-każ illi l-qorti tkun tal-fehma li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpannija.

Testwalment igħid hekk l-**Artiklu 214(2)(b)(iii) tal-KAP 386**:

> *Kumpannija **għandha** tkun xjolta bil-Qorti meta il-qorti tkun tal-fehma li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpannija.*

Bil-kliem "*il-qorti tkun tal-fehma*", il-leġislatur ċertament li ried illi titħalla lill-Qorti diskrezzjoni wiesa` sabiex tistabilixxi hi jekk fil-fehma tagħha jirriżultawx fatti u ċirkostanzi "*gravi bizzejjed*" biex tasal biex tordna x-xoljiment u l-konsegwenti stralċ.

Anzi, irid jingħad illi peress illi l-leġlislatur kien ċar fi kliemu fis-sens illi "*kumpannija ghandha*", allura, jekk il-Qorti tistabilixxi l-gravita`, allura minn hemm `il quddiem il-Qorti ma għandiex għazla jew diskrezzjoni u hija obbligata tordna x-xoljiment u l-konsegwenti stralċ tal-kumpannija.

Issa jrid jingħad illi d-diskrezzjoni tal-Qorti tkompli tieħu xejra dejjem aktar wiesa' meta wieħed iqis illi l-leġislatur ma pprovdiex u ma jagħtix tifsira ta` "*raġunijiet gravi biżżejjed*".

Kif ġja kellha opportunitajiet oħra tgħid din il-Qorti, anke kif diversament preseduta, il-Qorti ma għandha tiskarta xejn, u allura huwa ġustifikat jingħad illi sabiex tistabilixxi jekk fatti jew ċirkostanzi humiex gravi biżżejjed, m`għandhiex toqghod fuq ġrajjiet li jkun seħħew sad-data tal-presentata tar-rikors promotur, iżda għandha tagħti piż ukoll lil kull ma jiġri anke wara, sa ma tiġi biex tagħti d-deċiżjoni tagħha.

F`section 122 tal-**Insolvency Act 1986 tal-Ingilterra**, tirrizulta lista ta` ċirkostanzi li jwasslu għax-xoljiment u għall-istralċ ta` kumpannija.

Tajjeb jingħad illi fl-Insolvency Act 1986 ma hemmx disposizzjoni bħall-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386. Il-wahda li tqarreb l-aktar lejha hija Sec. 122(1)(g) li tgħid illi:

> *the court is of the opinion that it is just and equitable that the company should be wound up.*

Huwa evidenti anke mad-daqqa t`għajn li d-disposizzjoni fil-liġi tagħna hija aktar stretta fis-sens illi fil-każ tagħna l-qorti għandha xxolji u tistralċja meta fil-fehma tagħha ikunu jirriżultaw raġunijiet gravi biżżejjed, mentri fil-liġi Ingliza, il-kriterju li fuqu l-qorti trid tibni l-fehma tagħha huwa dak tal-ġustizzja u l-ekwita`.

L-istrettezza tad-disposizzjoni fil-liġi tagħna tagħmel ħafna sens anke għaliex jekk il-qorti tesprimi l-fehma li hemm raġunijiet gravi biżżejjed, allura minn hemm tkun obbligata tordna x-xoljiment u l-istralċ tal-kumpannija.

Il-qorti tgħid li r-riferenza għal Sec 122(1)(g) tal-Insolvency Act 1986 hija utili għaliex il-linja li ħadu l-qrati Inglizi biex jgħidu x`għandhom ifissru *just and equitable* għall-fini ta` *winding up* ta` kumpannija jgħin sabiex jiftaħ tieqa għall-qrati tagħna fl-interpretazzjoni tagħhom x`jistgħu jkunu raġunijiet gravi biżżejjed. Għax kull każ għandu l-istorja tiegħu, il-qorti trid tibni l-fehma tagħha fuq il-fatti u ċ-ċirkostanzi ta` kull każ.

Fil-kuntest tad-depozizzjoni ċara minn naħa tar-rikorrenti, li hija kkonfermata wkoll mid-dokumenti esebiti u bix-xhieda tal-Malta Business Registry li l-kumpanija kienet bla direttur, bla *company secretary* u bla rappreżentant legal u ġudizzjarju sa minn Ġunju 2020, il-qorti ssib ġustifikazzjoni ta` xoljiment abbażi tal-fatt li l-kumpannija ċertament ma setgħatx topera b'mod legali kif rikjest mill-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Filfatt fix-xhieda tagħha r-rappreżentanta tal-Malta Business Registry tikkonferma li l-kumpannija intimata tinsab fi stat li fil-fehma tal-istess hija "*mitluqa*".

**Tenut kont tal-assjem ta` fatti u ċ-ċirkostanzi, il-qorti hija tal-fehma illi hemm raġunijiet gravi biżżejjed skont l-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 sabiex tordna ix-xolijiment u l-konsegwenti l-istralċ tal-kumpannija intimata Jaguar Construction Limited.**

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ccitati, jidhrilha illi ġew sodisfatti il-voti tal-liġi sabiex tkun tista` tgħaddi biex takkolja it-talbiet tar-rikorrenti fit-termini hawn fuq maghmula u tenut kont ta` l-assjem ta` fatti u cirkostanzi li jirrizultaha l-Qorti, din il-Qorti qeghda:

1. **Tilqa' t-talba limitatament** ai termini tal-artikolu 214(2)(b)(ii) u tal-artikolu 214(2)(b)(iii) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, **u tiddikjara** illi n-numru ta' diretturi nizel anqas mill-minimu preskritt bil-ligi u ilu hekk ghal zmien sitt xhur u izjed u hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpannija.

2. **Tordna** ghalhekk ix-xoljiment u l-istralċ tas-soċjeta' intimata **Jaguar Construction Ltd (C-88313)** u dan b'effett mill-21 ta' Ottubru 2020 ai termini tal-Artikolu 223(1) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. **Tinnomina u taħtar bhala stralċatarju** tas-soċjeta' Jaguar Construction Ltd (C-88313) lir-**Ricevitur Ufficjali** u tagħti lill-istralċarju s-setgħat u d-dmirijiet kollha li huma previsti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, fosthom illi:

   a) Wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpannija de quo, ai termini tal-Artiklu 226 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, jagħmel rapport lill-Qorti ai termini tal-artiklu 227 tal-istess KAP 386,

   b) Jagħmel il-verifiki kollha necessarji u opportuni dwar l-assi u d-djun tal-kumpannija de quo u jekk ikun il-każ, jirraporta dwar il-gradwazzjoni tad-djun.

   c) Jieħu taħt il-kustodja u l-kontroll tiegħu kwalsiasi assi illi talvolta l-kumpannija **Jaguar Construction Ltd (C-88313)** jista' għandha, u dan ai termini tal-Artiklu 237 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

   d) Jagħmel u jiddefendi kwalsiasi azzjoni jew proċeduri legali fl-isem u l-interess tal-kumpannija de quo.

   e) Jirrelata dwar il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien ta' kwalsiasi assi li l-kumpannija jista' għandha,

4. **Tordna** lill-istralċjarju sabiex jipprezenta rapport tal-ħidma tiegħu sa qabel l-udjenza li jmiss.

5. **Tordna** li l-ispejjez u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju, għandhom jithallsu mir-rikorrent.

**Finalment, il-Qorti qed tordna illi mingħajr dewmien ir-Reġistratur tal-Qrati jgħaddi kopja legali ta' din id-deċiżjoni lir-Riċevitur Uffiċjali u lir-Reġistratur tal-Kumpanniji.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**